



0072/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-reġjuni Ewropej mingħajr OĠM

**Marijana Petir (PPE), Elisabetta Gardini (PPE), Norbert Erdős (PPE),
Franc Bogovič (PPE), Pavel Poc (S&D), Ulrike Müller (ALDE), Bas
Belder (ECR), Barbara Kappel (ENF), Andrej Plenković (PPE), Ivana
Maletić (PPE)**

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, sont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura, dwar ir-reġjuni Ewropej mingħajr OĠM¹

1. Il-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali tiggarantixxi d-dritt tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa għal tfassil ta' deċiżjonijiet liberu u mingħajr xkiel fi ħdan il-kompetenzi tagħhom.
2. Il-politiki pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kuntest ta' restrizzjoni jew projbizzjoni tal-użu u r-rilaxx tal-OĠM fl-ambjent għandhom jiġu rispettati u għalhekk l-Istati Membri għandhom iqisu d-deċiżjonijiet lokali u reġjonali tagħhom fir-rigward ta' din il-kwistjoni.
3. Id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, u skont l-istruttura interna tal-Istati Membri, ma għandhiex tkun ristretta, u għandu jiġi rispettata l-impenn ta' aktar minn 150 reġjun u 4 500 gvern lokali fl-Ewropa li għandhom ikunu liberi mill-OĠM.
4. Sabiex jitħeġġu aktar il-produzzjoni u t-turiżmu ekoloġiċi u agrikulturali u biex tiġi preżervata l-bijodiversità, din id-deklarazzjoni tappoġġa d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom żoni ddikkjarati mingħajr OĠM.
5. Għaldaqstant il-Kummissjoni hija mistiedna tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-gvern lokali u reġjonali tagħhom, meta jeżiġu l-aġġustament tal-iskop ġeografiku tal-awtorizzazzjoni għall-kultivazzjoni jew meta jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.